

Brussell, 25 ta' April 2022  
(OR. en)

8412/22

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2022/0116(NLE)**

---

ACP 42  
WTO 69  
COAFR 92  
RELEX 518

## PROPOSTA

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	22 ta' April 2022
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2022) 176 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-FSE stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika <i>interim</i> bejn il-Ghana, minn naħa waħda, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura għas-Soluzzjoni ta' Tilwim

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2022) 176 final.

---

Mehmuż: COM(2022) 176 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 22.4.2022  
COM(2022) 176 final

2022/0116 (NLE)

Proposta għal

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Komitat tal-FSE stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika *interim* bejn il-Ghana, minn naħa waħda, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura għas-Soluzzjoni ta' Tilwim**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni, fil-Kumitat tal-FSE stabbilit skont il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika *interim* bejn il-Ghana minn naħa waħda, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, rigward l-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura għas-Soluzzjoni ta' Tilwim u l-Kodiċi ta' Kondotta.

### 2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

#### 2.1. Il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika *interim* bejn il-Ghana, minn naħa waħda, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra

Il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika *interim* bejn il-Ghana, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim") għandu l-għan li:

- (a) Jippermetti li l-Ghana tibbenefika minn aċċess aħjar għas-suq li toffri l-Unjoni fil-qafas tan-negozjati tal-FSE u b'hekk jiġi evitat tfixkil fil-kummerċ bejn il-Ghana u l-Unjoni meta s-sistema kummerċjali tranżitorja tal-Ftehim ta' Cotonou tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2007, sakemm jiġi konkluż FSE sħiħ;
- (b) Iwitti t-triq għan-negozjar ta' FSE li jikkontribwixxi biex jonqos il-faqar, jippromwovi l-integrazzjoni reġjonali, il-kooperazzjoni ekonomika u l-governanza tajba fl-Afrika tal-Punent u jtejjeb il-kapaċitajiet tal-Afrika tal-Punent fl-oqsma tal-politika kummerċjali u tal-kwistjonijiet relatati mal-kummerċ;
- (c) Jippromwovi l-integrazzjoni armonjuża u gradwali tal-Ghana fid-dinja ekonomika f'konformità mal-għażliet politiċi tagħha u l-prijoritajiet ta' żvilupp tagħha;
- (d) Isaħħaħ irbit eżistenti bejn il-Partijiet abbażi ta' solidarjetà u ta' interess reċiproku;
- (e) Joħloq ftehim kompatibbli mal-Artikolu XXIV tal-GATT 1994.

Il-Ftehim ilu applikat b' mod proviżorju bejn il-Ghana, minn naħa waħda, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, mill-15 ta' Diċembru 2016.

#### 2.2. Il-Kumitat tal-FSE

L-Artikolu 73 tal-Ftehim jistitwixxi l-Kumitat tal-FSE u jistabbilixxi li huwa responsabbli għall-amministrazzjoni fl-oqsma kollha koperti mill-Ftehim u t-twettiq tal-impenji kollha msemmija fil-Ftehim. Il-Ftehim jistabbilixxi wkoll li l-Kumitat jiddetermina r-regoli tal-organizzazzjoni u l-funzjonament tiegħu. Il-Kumitat adotta r-regoli ta' proċedura tiegħu skont dan<sup>1</sup>.

Skont it-Titolu V (Prevenzjoni ta' Tilwim u Soluzzjoni), l-Artikolu 59 (Regoli ta' proċedura) jipprevedi li l-proċeduri tas-soluzzjoni ta' tilwima skont il-Kapitolu 3 ta' dan it-Titolu għandhom ikunu regolati mir-Regoli ta' Proċedura li għandhom ikunu adottati mill-Kumitat tal-FSE fiż-żmien tliet xhur mit-twaqqif tiegħu. L-Artikolu 64(2) jipprevedi li Kodiċi ta' Kondotta ikun anness mar-Regoli ta' Proċedura. Huwa xieraq li l-Kodiċi ta' Kondotta għall-arbitri jkun applikabbli għall-medjaturi.

---

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni Nru 1/2021 tal-Kumitat tal-EPA stabbilit mill-Ftehim Interim ta' Sħubija Ekonomika bejn il-Ghana, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, tad-29 ta' Lulju 2021 rigward l-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat tal-FSE (ĠU L 459, 22.12.2021, p. 3).

### **2.3. L-att previst tal-Kumitat tal-FSE**

Matul it-tieni nofs tal-2022, il-Kumitat tal-FSE għandu jadotta deċiżjoni dwar ir-Regoli ta' Proċedura għas-Soluzzjoni ta' Tilwim ("l-att previst"). L-għan tal-att previst huwa li jistabbilixxi r-Regoli ta' Proċedura li jirregolaw is-Soluzzjoni ta' Tilwim u l-Kodiċi ta' Kondotta relatat.

### **3. POŻIZZJONI LI GħANDHA TITTEĦED F'ISEM L-UNJONI**

Din il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat tal-FSE stabbilit bil-Ftehim fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura għas-Soluzzjoni ta' Tilwim u l-Kodiċi ta' Kondotta relatat. Huwa xieraq li l-Kodiċi ta' Kondotta għall-arbitri jkun applikabbli għall-medjaturi.

Il-Partijiet għall-Ftehim iddiskutew ir-Regoli ta' Proċedura u l-Kodiċi ta' Kondotta previsti u qablu li, soġġett għall-proċeduri tat-tehd ta' deċiżjonijiet tal-Unjoni, jenħtieġ li l-Kumitat tal-FSE jadotta dawn ir-Regoli ta' Proċedura u Kodiċi ta' Kondotta fit-tieni nofs tal-2022.

Is-sustanza tar-Regoli ta' Proċedura previsti u l-Kodiċi ta' Kondotta relatat hija simili għal dik ta' Regoli ta' Proċedura u tal-Kodiċi ta' Kondotta ta' ftehimiet kummerċjali oħra tal-Unjoni.

Ir-Regoli ta' Proċedura huma essenzjali biex jitlesta l-qafas istituzzjonali tal-Ftehim u għalhekk biex tkun iggarantita l-implimentazzjoni bla xkiel tal-Ftehim.

### **4. BAŻI ĠURIDIKA**

#### **4.1. Bażi ġuridika proċedurali**

##### *4.1.1. Princċipji*

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jistabbilixxu "il-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim."

Il-kunċett ta' "atti li jkollhom effetti legali" jinkludi atti li jkollhom effetti legali bis-saħħa tar-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw il-korp inkwistjoni. Dan jinkludi wkoll l-istrumenti li ma jkollhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali iżda li "jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatur tal-Unjoni"<sup>2</sup>.

##### *4.1.2. Applikazzjoni għall-każ attwali*

Il-Kumitat tal-FSE huwa korp istitwit bi ftehim, jiġifieri l-FSE *interim* bejn l-UE u l-Ghana.

L-att, li l-Kumitat tal-FSE qed jintalab jadotta, jikkostitwixxi att li jkollu effetti legali peress li jistabbilixxi regoli legali vinkolanti li jirregolaw is-Soluzzjoni ta' Tilwim bejn il-Partijiet.

L-att previst la jissupplimenta u lanqas jemenda l-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għalhekk, il-baży ġuridika proċedurali għad-deċiżjoni proposta hi l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

---

<sup>2</sup> Il-paragrafi minn 61 sa 64 tas-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014 fil-kawża C-399/12, il-Ġermanja vs il-Kunsill, ECLI:EU:C:2014:2258.

## **4.2. Bażi ġuridika sostantiva**

### *4.2.1. Prinċipji*

Il-bażi ġuridika sostantiva biex tittieħed deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-objettiv u mill-kontenut tal-att previst li dwaru tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawn l-għanijiet jew komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċiment inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tkun imsejsa fuq bażi ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik mitluba mill-għan jew il-komponent ewlieni jew predominanti.

### *4.2.2. Applikazzjoni għall-każ attwali*

Skont l-Artikolu 46 tal-Ftehim, il-mekkaniżmu għall-Prevenzjoni u s-Soluzzjoni tat-Tilwim stabbilit mill-Ftehim fit-Titolu V mhuwiex applikabbli għat-Titolu II tal-Ftehim (“Sħubija għall-Iżvilupp”). Minn dan isegwi li l-mekkaniżmu għall-Prevenzjoni u s-Soluzzjoni tat-Tilwim tat-Titolu V huwa applikabbli għal tilwim li jikkonċerna kwistjonijiet kummerċjali, li mill-perspettiva tal-Unjoni huma fl-ambitu tal-Politika Kummerċjali Komuni. Għalhekk, anki r-Regoli ta' Proċedura u l-Kodiċi ta' Kondotta relatat li għandhom jiġu adottati mill-Kumitat tal-FSE skont l-Artikoli 59 u 64(2) tat-Titolu V tal-Ftehim japplikaw għal tilwim li jikkonċerna kwistjonijiet kummerċjali.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, huwa ċar li l-kontenut tal-att previst huwa relatat mal-politika kummerċjali komuni.

Għaldaqstant, il-bażi ġuridika sostantiva għad-Deċiżjoni proposta hija l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4) tat-TFUE.

## **4.3. Konklużjoni**

Jenħtieġ li l-bażi ġuridika tad-deċiżjoni proposta tkun l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu tat-TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

## **5. PUBBLIKAZZJONI TAL-ATT PREVIST**

Billi l-att tal-Kumitat tal-FSE jintroduċi r-regoli ta' proċedura għas-Soluzzjoni tat-Tilwim skont il-Ftehim, huwa xieraq li dan jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* wara l-adozzjoni tiegħu.

Proposta għal

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-FSE stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika *interim* bejn il-Ghana, minn naħa waħda, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura għas-Soluzzjoni ta' Tilwim**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4) l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha ffirmaw il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika ('FSE') *interim* bejn il-Ghana, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, fit-28 ta' Lulju 2016<sup>3</sup> ("il-Ftehim"). Dan il-Ftehim ilu applikat b'mod proviżorju bejn l-UE u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Ghana, min-naħa l-oħra, mill-15 ta' Diċembru 2016<sup>4</sup>.
- (2) Skont l-Artikolu 73(3) tal-Ftehim, il-Kumitat tal-FSE huwa responsabbli għall-amministrazzjoni fl-oqsma koperti minn dak il-Ftehim u t-tweqqif tal-impenji kollha msemmija f'dak il-Ftehim.
- (3) Skont l-Artikolu 59, il-proċeduri għas-soluzzjoni tat-tilwim għandhom ikunu rregolati mir-Regoli tal-Proċedura li għandhom ikunu adottati mill-Kumitat tal-FSE fiż-żmien tliet xhur mit-twaqqif tiegħu.
- (4) Skont l-Artikolu 64(2) Kodiċi ta' Kondotta huwa anness mar-Regoli ta' Proċedura. Il-funzjoni tal-Kodiċi ta' Kondotta hija li jstabbilixxi prinċipji ta' gwida, drittijiet u obbligi li l-arbitri jridu jikkonformaw magħhom. Huwa xieraq li l-Kodiċi ta' Kondotta għall-arbitri jkun applikabbli għall-medjaturi, *mutatis mutandis*.
- (5) Il-Kumitat tal-FSE għandu jadotta deċiżjoni fir-rigward tar-Regoli ta' Proċedura għas-Soluzzjoni ta' Tilwim fit-tieni nofs tal-2022.
- (6) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat tal-FSE, peress li d-deċiżjoni prevista tal-Kumitat tal-FSE tistabbilixxi regoli legalment vinkolanti li jirregolaw is-Soluzzjoni ta' Tilwim,

<sup>3</sup> Il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika *interim* bejn il-Ghana, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, (ĠU L 287, 21.10.2016, p. 3).

<sup>4</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1850 tal-21 ta' Novembru 2008 dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika *interim* bejn il-Ghana, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni għandha tkun ibbażata fuq l-anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*